Verżjoni Elettronika



**A.L. 20 tal-2023**

## ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

## Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Għotja ta' Investiment Intelliġenti u Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriża ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Għotja ta' Investiment Intelliġenti u Sostenibbli u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Għotja ta' Investiment Intelliġenti u Sostenibbli, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 463.45.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "ħamsin elf euro (€50,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mitt elf euro (€100,000)"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "għoxrin elf euro (€20,000) u li jkopri sa għoxrin fil-mija (20%)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "erbgħin elf euro (€40,000) u li jkopri sa sebgħin fil-mija (70%)".

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"5. (1) Il-Korporazzjoni tista' tappoġġja investimenti u modifiki f'impjant, makkinarju, tagħmir u teknoloġiji li jwasslu għal tnaqqis kwantifikabbli fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ kif preskritt ulterjorment fil-Linji Gwida.

(2) L-investimenti eliġibbli jistgħu jinkludu ukoll servizzi tekniċi speċjalizzati u l-akkwist ta' teknoloġiji li jippermettu lill-impriża tkejjel parametri marbuta mal-impronta tal-karbonju tal-impriżi.".